# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. numru 1818/97 RCP**

**Agnes Briffa**

**vs**

**Lucrezio sive Grazio Briffa u Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TAL-ATTRICI</u>**

1. L-attrici appellata ipprezentat citazzjoni fejn ippremettiet :-

Illi l-kontendenti ffirmaw konvenju datat 19 ta' April 1994 redatt quddiem in-Nutar Dr. Joseph Lia rigwardanti bicca art maghrufa bhala tal-Hmieri, fil-kontrada tal-Hmieri fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejk ta' cirka erbatax-il tomna versu l-prezz ta' elfejn u hames mitt lira kull tomna u dan taht il-

pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fil-konvenju kopja ta' liema konvenju gie esebit bhala dokument A.

Illi dan il-konvenju kien jiskadi fid-19 ta' April 1995 u gie mgedded mill-kontraenti fil-5 ta' Mejju 1995.

Illi l-konvenju kif hekk sussegwentement imgedded kien jiskadi fil-5 ta' Mejju 1996 u gie mgedded mill-konvenut Lucrezio sive Grazio Briffa u l-konvenuti l-ohra minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-attrici mart l-istess konvenut Lucrezio sive Grazio Briffa fl-1 ta' Mejju 1996.

Illi a tenur ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili (Kap. 16) l-atti fejn jeddijiet fuq bini immobbli jkunu trasferiti bhala fil-kaz in ezami huma kkonsidrati bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li jwettqu dawn l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.

L-istess attrici ghar-ragunijiet premessi talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili :-

i) Tiddikjara li l-imsemmi konvenju kif imgedded fl-1 ta' Mejju 1996 hu null u bla effett stante li dan sar minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' l-attrici kif titlob il-ligi u kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2 (a) Il-konjugi Abdilla a fol. 16 tal-process eccipew li c-citazzjoni de quo hi guridikament insostenibbli stante li giet ippresentata tardivament ai fini ta' l-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16.

(b) Il-konvenut l-iehor Lucrezio siven Grazio Briffa eccepixxa li hu minnu li l-istess konvenju mhux validu ghar-ragunijiet indikati mill-istess attrici.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha ta' l-10 ta' Marzu 1999 laqghat it-talbiet attrici u ddikjarat lill-imsemmi konvenju kif imgedded fl-1 ta' Mejju 1996 huwa null u bla effett.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI KONJUGI ABDILLA**

4. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza u interpona appell minna fuq l-aggravji segwenti :-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin ta' dritt.

Fil-fatt l-ewwel Qorti rregettat l-eccezzjoni tal-konvenuti ghaliex skond il-Qorti l-ittra ufficjali mibghuta ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16. Meta kkonkludiet hekk tat is-segwenti raguni :-

i) Il-Qorti interpretat dak l-artikolu bhala li jissinifika li l-konvenju nnifsu jrid jigi notifikat,

ii) In-notifika ta' l-ittra ufficjali mhix ekwiparibbli u simili ghal dik rikjesta mill-artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16 stante li l-persuna hemm interpellata kienet tkun konoxxenti ta' l-att li l-ezekuzzjoni tieghu qed tintalab,

iii) Li l-intenzjoni ta' l-ittra ufficjali ma kienitx ghall-iskop ta' l-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16 ghaliex inter alia m'hix semplici notifika biss lill-attrici imma talba biex il-vendituri jiddevjenu ghall-att finali.

Illi rigward l-ewwel konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Illi bir-rispett ghandu jinghad li l-ewwel Qorti mhux biss ghamlet apprezzament hazin tal-ligi imma sahansitra ghamlet riportagg zbaljat ta' l-istess verb uzat fil-ligi. Il-kliem tal-ligi huma hekk :-

> "….. li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju ……."

Imbaghad fit-test Ingliz hemm traduzzjoni fidili li tghid hekk :-

> "from the day on which notice of the act shall have been given to such spouse from the day on which notice of the act shall have been given to such spouse <u>by means of a judicial act</u> ……."

L-ewwel Qorti pero' a fol. 7 tas-sentenza, it-tieni paragrafu qabel l-ahhar, ticcita l-ligi billi tghid dawn il-kliem "ittra ufficjali jew protest li fih ikun notifikat l-att innifsu."

Illi bir-rispett kollu mhux hekk tghid il-ligi u ghalhekk l-esponent isibha difficli jifhem kif l-ewwel Qorti tindika li qed ticcita l-verb tal-ligi u anke tuza l-'inverted comas' meta fil-fatt il-kliem uzati ma jkunux jirrispekkjaw il-kliem uzati fil-ligi stess.

Mela li trid il-ligi huwa li mara tigi mgharrfa ufficjalment b'att gudizzjarju li hemm konvenju pendenti biex b'hekk din tkun tista' tirregola ruhha. Fil-kaz in dezamina gie ppurvat li l-attrici giet debitament notifikata b'ittra ufficjali li kienet tirreferi ghall-konvenju originarjament iffirmat anke minnha u li kien gie sussegwentement estiz mir-ragel taghha.

Illi l-ewwel Qorti kompliet issahhah l-argument taghha billi qalet is-segwenti :-

"…. sabiex il-persuni li tigi notifikata u li allura ma tkunx ippartecipat fl-istess att tkun tista' tiddeciedi b'mod definittiv dwar jekk tipprocedix ghal azzjoni ta' annullament jew le."

Illi din l-osservazzjoni mhux daqstant ghall-kaz in dizamina.  Ghandu jigi sottolinejat f'dan is-sens illi l-attrici kienet hi stess firmatarja tal-konvenju originali u kull ma gara minghajr il-firma taghha kien hemm biss proroga.  Allura l-attrici kienet ben konsapevoli tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju u mhux ma kienet partecipi xejn kif donnu qed tindika l-ewwel Qorti.

Illi dwar it-tieni osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti huwa veru li l-ittra ufficjali notifikata lill-attrici u r-ragel taghha kienu a tenur ta' l-artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16 fejn l-iskop originali ta' l-ittra kien sabiex il-konjugi Briffa jigu intimati sabiex jiddivjenu ghall-att finali.  Mandankollu pero' l-appellanti jhossu li b'daqshekk l-att innifsu ma jistax jitqies bhala notifika gudizzjarja tal-proroga tal-konvenju.  Il-ligi ma ssemmi l-ebda format ta' kif trid issir in-notifika ta' l-ezistenza ta' l-iskrittura hlief li trid issir permezz ta' ittra ufficjali jew protest gudizzjarju.

L-appellant jemmnu li b'tali ittra ufficjali ghalhekk gie onorat il-vot tal-ligi u mhux daqstant importanti x'kien l-iskop originali ta' l-att.  Ghandu jigi enfasizzat li kuntratti jridu jsiru dejjem in buona fede, l-esponenti kienu in buona fede u se mai kien l-istess konvenut Grazio Briffa li kien in mala fede meta ddikjara a priori fil-konvenju li kien awtorizzat mill-mara biex jaghmel il-proroga.

Dwar it-tielet osservazzjoni dak li ghadu kif intqal jghodd mutatis mutandis ghal din l-ahhar osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti. L-esponenti jzidu u jghidu biss : X'differenza taghmel l-att jekk qed jinnotifika wkoll ir-ragel ta' l-attrici? Kif setghat giet pregudikata b'daqshekk?

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-mertu l-appellanti ghandhom aggravju wkoll ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez u jhossu li se mai u in pessima ipotesi l-ispejjez kellhom jigu sopportati kollha mill-konvenut Grazio Briffa. Kif gia' intqal qabel kuntratti ghandhom isiru dejjem in buona fede. L-appellanti kienu in buona fede u gew ingannati mill-imsemmi Grazio Briffa meta and malizzjozament iddikjara li kien qieghed jidher ukoll ghan-nom ta' martu biex b'hekk ta' x'jifhem li kien debitament awtorizzat meta fil-fatt kien mod iehor. L-agir tieghu ghalhekk ghandu jigi penalizzat billi jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha ta' l-10 ta' Marzu 1999 u konsegwentement filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Abdilla tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' AGNES BRIFFA

5. L-appellanta Agnes Briffa wiegbet hekk :-

Illi s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 1999 hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi l-unika eccezzjoni mressqa mill-konvenuti Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla hija illi din il-kawza giet prezentata fuori termine, u ghal dan il-ghan gie citat l-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16.

Ghal dan il-ghan, trid pero' ssir referenza ghas-sub-artikolu (2) ta' l-istess artikolu 1326 li jipprovdi illi :-

*Kull azzjoni ghal annullament tista' tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha u fi zmien perentorju ta' tlett snin :*

*(a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att jew ;*

*(b) mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg registrazzjoni, jew ;*

*(c) mid-data li tintemm il-komunjoni ta' l-akkwisti ;*

*skond liema tkun l-ewwel data.*

Is-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi :-

*Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-jedd moghti bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu lil parti li titlob annullament ta' att jispicca malli jaghlqu tliet xhur mill-jum li fih <u>ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju</u>[1], kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament.*

L-argument imressaq mill-konvenuti Gaetano u Mary konjugi Abdillau Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla huwa illi stante l-esponenti giet notifikata permezz ta' ittra ufficjali biex tersaq ghall-att finali, japplikaw il-provvedimenti tas-subartikolu (3) u l-azzjoni ta' annullament kellha ssir fi zmien tlett (3) xhur u mhux (3) snin.

Illi l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha fejn ikkonkludiet illi dan l-argument imressaq mill-konvenuti Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla ma jsegwix dak li jipprovdi s-subartikolu (3) fuq imsemmi stante illi l-istess subartikolu jghid illi kellu jkun "*notifikat l-att illi dik il-persuna bil-mezz ta' att gudizzjarju".* Dak li ghamlu l-konvenuti Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla kien li pprezentaw att gudizzjarju fejn talbu lill-

[1] Emfazi mizjuda

esponenti u illi zewgha biex jersqu ghall-att finali. Ma' dan l-att guizzjarju ma giex notifikat **l-att** mertu tal-vertenza odjerna, u cioe' l-konvenju kif sussegwentement imgedded. U huwa proprju dan li tirrikjedi l-ligi. U siccome li dan ma sarx, ghandu japplika s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1326 tal-Kap. 16.

Tajjeb illi fl-analizi ta' dan il-provvediment tal-ligi wiehed japprezza wkoll ir-ration li wassal lill-legislatur li jipprovdi illi ma' l-att gudizzjarju, ghandu jigi notifikat l-att in kwistjoni. Jekk il-parti li qeghda tigi notifikata l-att permezz ta' att gudizjarju hija dik il-parti li ma tatx il-kunsens u l-approvazzjoni taghha ghal dak l-att in kwistjoni (u ghaldaqstant, ma tafx x'fih l-att), hija ghandha tigi notifikata b'kopja ta' dak l-att biex tkun tista' tiehu passi necessarji u tipprezenta citazzjoni fi zmien tlett xhur. Inutli li tali parti tigi moghtija biss referenza ghal xi att, stante illi jekk dan l-istess att ikun xi skrittura privata, bhal ma kien il-konvenju mertu tal-vertenza odjerna, kif tista' tali parti tibbaza azzjoni quddiem din il-Qorti minghajr biss ma jkollha access ghal jew kopja ta' l-istess att li fuqu tkun qeghda tibbaza l-azzjoni ta' annullament taghha?

Il-konvenuti Gaetano u Mary konjugi Abdilla u Emanuel u Mansueta konjugi Abdilla, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u sahansitra fir-rikors ta' l-appell, jghidu car u tond illi huma baghtu ittra ufficjali kemm skond l-artikolu 13626 kif ukoll skond l-artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16 dwar il-weghda ta' bejgh. Illi dak li ghamlu l-konvenuti kien dak rikjest

mill-artikolu 1357 (2) biss, u dan johrog car anke meta wiehed iqabbel il-kliem ta' dan l-artikolu[2] mal-kliem ta' l-artikolu 1326 (3). L-argument illi l-gurisprudenza u anke l-ligi tghid illi kull ma hemm bzonn huwa li tintbaghat l-ittra ufficjali japplika biss ghall-artikolu 1357 (2), u bl-ebda mod ma jaffetwa l-provvediment ta' l-artikolu 1326, stante li l-iskop taz-zewg artikolu huwa differenti. Filwaqt li permezz ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 1357 (2) l-accettant jkun qieghed **isejjah** lill-parti l-ohra li weghdet (u li dehret fuq il-konvenju u taf x'weghdet) biex jersaq ghall-att finali, permess ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 1326 (3) l-accettant jkun qieghed **jinnotifika** lir-ragel jew il-mara ta' xi hadd li kkontratta minghajr il-kunsens ta' l-istess ragel jew mara, l-att in kwistjoni.

L-appellata ghada ma tistax tifhem x'inhi r-raguni li ghaliha l-appellanti jirreferu ghat-test Ingliz tal-Ligi meta mit-test Maltiu mir-ratio fuq imsemmi tohrog cara l-intenzjoni tal-legislatur f'din il-kwistjoni.

Ghaldaqstant, l-appellata talet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' LUCREZIO SIVE GRAZIO BRIFFA

L-appellat Lucrezio sive Grazio Briffa wiegeb hekk :-

[2] "…….l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat …… sabiex

Illi s-sentenza appellata moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 1999 hija gusta u timmerita konferma.

Illi rigward dak li jinghad mill-appellanti fuq l-ispejjez, ghandu jinghad illi l-istess appellanti kienu jafu illi l-konvenju hekk kif imgedded kien null u bla effett stante li ma giex iffirmat mill-attrici appellata. Minkejja dan huma xorta wahda ghazlu li jidhlu fil-proceduri gudizjarji odjerni, u ghaldaqstant, hija korretta d-decizjoni ta' l-ewel Qorti fejn l-istess appellanti gew ikkundannati li jhallsu l-ispejjez ta' l-appellanta.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Il-fati tal-kaz in ezami fis-semplicita' taghhom huma dawn :-

i) <u>Il-kontendenti kollha, l-attrici kompriza</u>, iffirmaw att ta' konvenju quddiem in-Nutar Joseph Lia dwar bicca art fil-kontrada tal-Hmieri, limiti tas-Siggiewi – skond Dok A – u dan fid-19 ta' April 1994 ;

ii) Dan il-konvenju kien jiskadi fid-19 ta' April 1995 ;

iii) Fil-5 ta' Mejju 1995, <u>il-kontendenti kollha, l-attrici kompriza</u>, l-attrici appellata, ffirmaw proroga ta' sena tal-imsemmi konvenju ;

---

jaghmel il-bejgh."

iv) Fl-1 ta' Mejju 1996, dan il-konvenju gie pprorogat ghal zmien sitt (6) xhur ohra (jigifieri sal-31 ta' Ottubru 1996) minn dakinhar.

F'din il-proroga, a differenza ta' dak li gara qabel, l-attrici Agnes Briffa ma dehritx hi personalment biex tiffirma din it-tieni proroga. Li gara kien li zewgha Lucrezio sive Grazio Briffa, ko-konvenut fil-kawza, deher fuq l-att f'ismu proprju kif ukoll "f'isem martu Agnes Briffa, verbalment awtorizzat".

v) Fil-31 ta' Ottubru 1996, il-konvenut konjugi Abdilla, l-appellanti, baghtu ittra ufficjali lill-konjugi Briffa (l-attrici kompriza), minghajr pero' ma ammettew ukoll l-att tal-konvenju, fejn interpellaw lill-kontro-parti biex dawn jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att definittiv.

vi) Fis-7 ta' Awissu 1997, l-attrici Agnes Briffa pprezentat citazzjoni kontrihom u kontra zewgha sabiex tottjeni dikjarazzjoni "li l-imsemmi konvenju kif imgedded fl-1 ta' Mejju 1996 hu null u bla effett stante illi dan sar minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-attrici kif titlob il-ligi ……".

S'hawn dwar fatti rilevanti tal-vertenza in succint.

**DWAR L-ECCEZZJONI TAL-KONVENUTI APPELLANTI**

7. L-appellanti konvenuti eccepew li l-azzjoni attrici kienet "guridikament insostenibbli stante li giet prezentata tardivament ai fini tal-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16."

Illi minn hawn qam dibattitu ta' natura legali dwar il-procedura applikabbli u specifikament dwar jekk l-interpellazzjoni permezz biss ta' ittra ufficjali kienitx bizzejjed biex jiskatta dak li hemm nominat fl-artikolu 1326 (1) (2) u (3) u cioe',

> "1326 (1) Att jehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment …… fuq proprjeta' immobbli ……."

Dwar din il-parti tal-ligi ma jidhirx li hemm divergenzi lejn il-kontendenti ghaliex huma konkordi li hawn si tratta ta' atti ta' amministrazzjoni 'straordinarja', li allura tirrikjedi l-kunsens tal-koppja, u li hawn si tratta ta' ftehim dwar trasferiment ta' immobbli.

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 1326 jispecifika hekk :-

> "Kull azzjoni ghal annullament tista' tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha u fiz-zmien perentorju ta' tlett snin –
>
> (a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew

> (b) mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg registrazzjoni, jew
>
> (c) mid-data li tintemm il-komunjoni tal-akkwisti skond liema tkun l-ewwel data."

Dwar dan is-subartikolu, jinghad li mill-provi akkwiziti ghandu jirrizulta li m'hemmx provi sufficjenti li juru li l-attrici kienet taf bl-att ta' proroga li allegatament sar minn zewgha Grazio Briffa f'isimha wkoll, u dna riferibbilment ghall-proroga li saret fl-1 ta' Mejju 1996.

Importanti u rilevanti pero' hu s-subartikolu (3) tal-artikolu 1326 tal-Kap. 16 – ghax kien dan li qanqal id-dibattitu mertu tal-eccezzjoni sollevata mill-appellanti, u cioe' li ;

> "(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-jedd moghti, bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu lil parti li titlob annullament ta' att jispicca malli jaghlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dan l-annullament". (sottolinear tal-Qorti).

X'tifsira trid tinghata lill-frazi "notifikat l-att …… bil-mezz ta' att gudizzjarju"?

Skond l-appellanti din tfisser semplicement notifika permezz ta' ittra ufficjali jew att gudizzjarju iehor. Fi kliem iehor, minghajr il-htiega li jigi notifikat ukoll l-att li ghalih ikun qieghed jirreferi dak l-att gudizzjarju. In sostenn ta' dan, l-appellanti jaghmlu riferenza ghall-artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16.

Min-naha l-ohra, l-appellata attrici sostniet li l-bazi ta' l-azzjoni taghha tohrog mill-artikolu 1326 tal-Kap. 16 u mhux minn dak li hemm specifikat fl-artikolu l-iehor citat mill-appellanti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, li effettivament taqbel ma' dik espressa fis-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-interpertazzjoni korretta taz-zewg artikolu fuq imsemmija, jigifieri l-artikoli 1326 u l-artikolu 1357 (2), hija kif moghtija mill-appellata. Filwaqt li l-artikolu 1357 (2) jipprospetta dritt ta' azzjoni lill-parti kontraenti u accettanti f'weghda ta' bejgh, l-artikolu 1326 jipprospetta invece dritt ta' azzjoni moghti lill-parti li tallega li <u>ma kienitx</u> accettanti. Kjarament, dawn iz-zewg azzjonijiet huma differenti minn xulxin. Fl-ewwel azzjoni hemm il-presunzjoni li l-partijiet involuti huma pjenament edotti minn dak li jkun gie miftiehem bejniethom, filwaqt li l-azzjoni l-ohra ghal fini ta' dikjarazzjoni ta' annullament il-presunzjoni hija dik li l-parti li tagixxi ma kienitx edotta mill-ftehim. Hu proprja minhabba f'din id-differenza bazilari bejn iz-zewg azzjonijiet, ankorke' il-punt tat-tluq hija weghda ta' bejgh f'forma ta' att ta' konvenju, li fil-kaz tal-azzjoni ezercibbli mill-accettant hija bizzejjed interpellazzjoni per via ta' att gudizzjarju kif imnizzel fl-artikolu 1357 (2), filwaqt li ghal fini tal-azzjoni ta' annullament, dik il-parti trid tklun giet imqeghda f'posizzjoni <u>li hija setghet tkun taf b'dan li jkun gie imwieghed.</u>

8. Illi applikat dak li jinghad supra mal-fatti tal-kaz in ezami jfisser li l-appellanti kien messhom allura nnotifikaw lill-parti li ma dehritx fuq il-proroga bl-att innifsu, kif qalet sewwa sew l-ewwel Qorti. Dan 'il ghaliex huma messhom kienu jafu li, minkejja dak li tnizzel fl-att ta' proroga de quo, fir-realta' kienet sehhet xi haga differenti mill-proroga li kienet gja' saret in precedeza. Di fatti, jirrizulta li, filwaqt li fil-proroga datata 5 ta' Mejju 1995 il-partijiet kollha involuti ffirmaw ghaliha, f'dik sussegwenti li saret fl-1 ta' Mejju 1996, l-attrici ma kienitx prezenti. Kien hemm tassew iddikjarat – li ghan-nom taghha kien qed jidher il-konvenut zewgha Lucrezio sive Grazio Briffa imma b'danakollu, darba li din id-dikjarazzjoni tirrizulta li kienet inveritjera ghax falza, allura jkun ifisser li l-att in kwistjoni jista' tabilhaqq ikun soggett ghal azzjoni ta' annullament kif mahsub fl-artikolu 1326 tal-Kap. 16 surreferit. L-appellanti messhom kienu jafu li, minkejja dak li gie ddikjarat minn zewgha fl-imsemmija proroga tal-1 ta' Mejju 1996, huma kienu qeghdin jiehdu r-riskju potenzjali ta' annullament fil-kaz idoneju. Anki jekk wiehed jgharbel sew id-deposizzjoni moghtija mill-konvenut appellant Gaetano Abdilla jsib li, minkejja li dan jghid li min-naha tal-attrici ma kienx hemm hjiel li din qatt esprimiet xi dubbji dwar li ma tridx igedded il-konvenju, huwa jghid ukoll li l-attrici kellha fil-fatt certi rizervi (ara fol. 29 tal-process). Hekk jghid, per ezempju,

> "…… ghax qalet illi jew il-prezz globali, xi Lm35,000, jekk niftakar sewwa, hi kif inhi x-xaghra qaltlu, inkella mhix lesta li naccetta illi bit-tomna".

Anki fil-presenza tan-Nutar Lia, mix-xhieda tal-istess konvenut, jirrizulta wkoll li l-attrici dejjem kellha certa riluttanza li taghti l-kunsens taghha (fol. 27). Dan kollu juri bic-car li meta l-attrici appellata effettivament ma dehritx ghall-ahhar proroga, tali fatt messu nissel jew sahhah xi dubju jew suspett dwar il-kunsens min-naha taghha. F'kull kaz il-kondizzjoni espressa mil-ligi kif kontenuta fl-artikolu 1326 (3) tal-Kap. 16 ma giex osservata mill-appellanti, u ghalhekk l-interpellazzjoni taghhom kienet monka u invalida biex tqieghed fis-sehh dak li hemm fl-istess subartikolu.

Bl-istess mod il-ftit provi li tressqu mill-partijiet huma sufficjenti biex jiddimostraw li l-attrici appellata ma kienitx tassew tat id-debitu kunsens taghha ghal fini tal-proroga datata l-1 ta' Mejju 1996.

Illi ghalhekk, in kwantu l-aggravju ta' l-appellanti konvenuti jikkoncerna din il-parti tal-vertenza, l-istess aggravju huwa wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt u qieghed jigi respint.

**<u>L-AGGRAVI DWAR IL-KAP TA' L-ISPEJJEZ</u>**

9. L-ahhar parti ta' l-aggravju huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-ispejjez gudizzjarji kellhom jithallsu mill-konvenuti Abdilla, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Lucrezio sive Grazio Briffa, li kellhom jithallsu mill-istess Lucrezio Briffa. L-appellanti jsostnu li stante l-agir in mala fede kommess mill-konvenut Lucrezio Briffa meta

dan deher suppost ghan-nom ta' martu meta ma kienx il-kaz, huwa kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez kien messha rriflettiet ahjar l-agir skorrett u qarrieqi min-naha tal-ko-konvenut Lucrezio Briffa kif fuq espress. Mhux gust li wara li dan il-konvenut deher fuq il-ftehim de quo fuq premessa falza, biex in segwitu jeccepixxi li l-attrici martu kellha ragun fl-azzjoni taghha, u jigi kkundannat biss li jissopporti l-ispejjez tieghu tal-kawza. Fl-istess waqt, lanqas ma tista' din il-Qorti tiskaguna ghal kollox l-operat tal-appellanti li, kif inghad supra, ma mxewx konformement mal-ligi. Ghalhekk jidhrilha xieraq li ghandu jkun hemm temperament divers fl-kapo spese dwar l-ewwel istanza fis-sens li l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs kull wiehed bejn il-konvenuti Abdilla u l-konvenut Lucrezio sive Grazio Briffa. Din il-parti tas-sentenza qeghda tigi hekk riformata.

Illi fir-rigward tal-ispejjez relativi ghal dan l-appell premess ukoll fil-meritu, li gie pero' michud, il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez ta' l-appell ghandhom jithallsu mill-appellanti Abdilla, hlief dawk relativi ghall-appellat konvenut Lucrezio Briffa li jithallsu minn Lucrezio Briffa stess.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuti appellanti Abdilla ghal dak li jirrigwarda l-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-

Prim'Awla tal-Qorti ; tirriforma pero' dik il-parti koncernanti l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez, u dana billi tilqa' parzjalment l-aggravju dwarha min-naha tal-appellanti Abdilla b'dana li tikkundanna li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-konvenuti appellanti Abdilla u nofs mill-konvenut l-iehor Lucrezio sive Grazio Briffa. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellanti Abdilla, hlief dawk relativi ghall-appellat konvenut Lucrezio sive Grazio Briffa li jithallsu minn Lucrezio Briffa stess.

Dep/Reg

mg